



Il-Kummissjoni
Ewropea

IL-BAĠĠIT TAL-EWROPA

L-edukazzjoni, il-kultura, il-midja, u valuri tal-Unjoni


LULJU 2025

Bis-sostenn li tagħti lit-tagħlim, lill-iskambji kulturali, lix-xogħlijiet awdjoviżivi, u lill-midja ħielsa, u bil-promozzjoni tal-valuri demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali, l-UE tgħin lin-nies jiksbu l-ħiliet, jibnu rabtiet bejniethom lil hinn mill-fruntieri, u jifhmu aħjar lil xulxin, filwaqt li tteġġegħ għall-involviment ċiviku u demokratiku. Dawn l-investimenti jsaħħu lill-komunitajiet, jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali, inaqqsu l-inugwaljanza, u jagħtu liċ-ċittadini tal-UE l-kapaċità li jaġixxu fl-aħjar interessi tagħhom. Lill-Ewropa jagħmluha spazju fejn l-ideat u d-demokrazija jiffjorixxu.

Għaliex dan huwa prijorità?

Għax l-edukazzjoni, il-kultura, il-midja, u d-drittijiet fundamentali tagħna jiddeterminaw x'tip ta' Ewropa ngħixu fiha: miftuħa, kompetenti, konnessa. Iċ-ċittadini jippretendu li l-UE tappoġġa t-tagħlim, il-kreattività, id-drittijiet, l-aċċess għal kontenuti differenti tal-midja, id-dibattitu pubbliku, u ħajja demokratika li ma tagħrafx fruntieri. Huwa dan li lill-Ewropa jagħmilha Unjoni ta' valuri.

- 90%** tal-parteċipanti tal-Erasmus+ jistqarru li xxettel fihom sens akbar ta' appartenenza għall-Ewropa
- 83%** tal-parteċipanti tal-Erasmus+ jikkonfermaw li tejbu ċerti kompetenzi li qed isibuhom utli għall-istudji jew xogħol li għandhom bħalissa
- 92%** tal-Ewropej jgħidu li s-sostenn għall-indipendenza u l-pluraliżmu tal-midja, u għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, huma prijorità politika importanti¹
- 87%** tal-Ewropej jaqblu li "l-Kultura u l-iskambju kulturali għandu jkollhom post importanti ħafna fl-UE"²
- 81%** tal-Ewropej jemmnu li s-sostenn għall-vijabbiltà u r-reżiljenza tal-industrija awdjoviżiva u dik tal-midja huma prijorità politika importanti³
- 89%** tal-Ewropej jemmnu li huwa importanti li l-Istati Membri kollha tal-UE jirrispettaw il-valuri fundamentali tal-UE⁴



1 Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa, Mejju 2025

2 Ewrobarometru 562 dwar il-Kultura, Mejju 2025

3 Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa, Mejju 2025

4 Ewrobarometru 553 dwar l-Istat tad-Dritt, Lulju 2024

X'qed tipproponi l-Kummissjoni?

Erasmus+ imsaħħaħ



Punt wieħed ta' aċċess għall-opportunitajiet li l-UE toffri liż-żgħażaġħ



Aktar inklużiv



Jagħti spinta lill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà



Aktar adattat biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tagħna biex ikollna ekonomija sostenibbli



Jagħti aktar sostenn għat-tkabbir u l-kooperazzjoni tal-UE madwar id-dinja



Aktar sempliċi



Jiffaċilita l-iskambji taż-żgħażaġħ



Jippromwovi l-azzjonijiet fil-qasam sportiv

Programm ġdid ta' sostenn għall-kultura, għall-midja, u għall-valuri tal-Unjoni

Il-programm il-ġdid **AgoraEU** se:



jippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika, u l-wirt kulturali



jipproteġi l-libertà artistika u tal-midja, jagħti sostenn għad-diversità u l-kompetittività tas-settur awdjoviżiv



jiffavorixxi spazju ta' informazzjoni liberu u divers, fejn l-ilħna kollha jkollhom id-dritt li jinstemgħu



jipproteġi u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza, id-drittijiet, u l-valuri



jagħti sostenn lis-soċjetà ċivili, għall-parteċipazzjoni demokratika, u għall-istat tad-dritt

Dan xi jfisser f'termini finanzjarji?

L-ERASMUS+:

Żieda fil-baġit biex jitla' għal

€41 biljun

għall-perjodu 2028-2034

AgoraEU :

€9 biljun

biex jgħaqqad flimkien is-sostenn għall-kultura, għall-midja, u għas-soċjetà ċivili, filwaqt li jiżgura aċċess aktar sempliċi għall-benefiċjarji permezz ta' regoli u arranġamenti ta' finanzjament komuni.

Il-baġit kif se jagħmel differenza f'dan il-qasam?

L-ERASMUS+:

- Aktar nies se jkunu jistgħu jistudjaw, jitħarrġu, u jagħmlu l-volontarjat barra minn pajjiżhom biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi sabiex jirnexxu fis-soċjetà
- Aċċess aħjar għal studenti minn ċirkustanzi differenti, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet
- Skejjel, fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, universitajiet, u organizzazzjonijiet aktar b'saħħithom flimkien fl-Ewropa u lil hinn minnha
- Aktar opportunitajiet biex jiġi attirat u jinżamm it-talent fl-Ewropa

L-AgoraEU:

- Aktar sostenn għall-kreazzjoni kulturali, għall-kooperazzjoni transfruntiera, u għall-aċċess għall-wirt kulturali taż-żgħażaġħ
- Aċċess aħjar għall-kontenut awdjoviżiv, inklużi il-logħob vidjo, għaċ-ċittadini
- Ġurnaliżmu u stampa ħielsa u indipendenti
- Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali
- Azzjonijiet speċifiċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u dik kontra t-tfal u gruppi oħrajn f'riskju ta' tali vjolenza
- Is-sostenn għall-parteċipazzjoni demokratika u għall-istat tad-dritt